MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 462/2008

**Go Plc (C 22334)**

**vs**

**Censu Collection Co Limited (C 23103)**

**It-Tribunal;**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta` konvenuta ghal hlas ta’ elfejn, tlett mija u tletin ewro u erbatax-il centezmu (€2330.14), rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess socjeta’ konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi telefonici li jgibu n-numru 21389313 (A/C 10131465) skond diversi kontijiet mibghuta lil istess Socjeta` konvenuta u skond id-dokumenti annessi.

Illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet  inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta` l-avviz kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-attti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata u l-anqas ma dehret  ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi s-socjeta` konvenuta naqset li tidher anki ghas-seduta ta` llum.

Illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tas-7 ta’ Ottubru, 2008 mill-Avukat Keith Grech.

It-Tribunal jidhirlu illi s-socjeta` konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------